**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL. D., Mag.Jur. (Int.Law)**

**Seduta San Ġiljan**

**Il-Pulizija**
**-vs-**
**Josmar Hili, detentur tal-Karta tal-Identita numru 110897M**

***Kawża Nru. 7862/2023***

Illum, 22 ta' Lulju, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Josmar Hili** u ċioe` talli:

Nhar 21 ta' Settembru 2023 bejn l- 03:45hrs u 04:00hrs gewwa Triq Sant Wistin, San Giljan:-

1. Inqast li tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilek minn PS160, uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħallejtx jaqdi, jew fixkilt jew indħalt lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu. Art.338(ee) Kap.9
2. Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju. Art.338(dd) Kap.9
3. Bil-lejl, volontarjament ksirt il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor. Art.338(m) Kap.9
4. Ingurjajt, jew heddidt, jew ghamilt offiza fuq il- persuna ta' PC1221 Noel Mifsud, persuna nkarigata skont il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmeljew minhabba li kien qed jaghmel dan is- servizz, jew bil- hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l- ligi waqt l- ezekuzzjoni ta' dak is- servizz

5. Tajt ħażin lill-uffiċjal tal-Pulizija jew uffiċjal tal-Komunità, waqt li kienu qed jaqdu dmirhom, ismek, kunjomok, numru tal-karta tal-identità, l-indirizz jew xi partikularitajiet oħra jew xi dokument li seta' kien meħtieġ skont il-liġi. Reg.124(2) L.S.65.11
6. Inqast li tipproduċi l-liċenzja tas-sewqan tiegħek lill-Pulizija jew lill-Awtorità fi żmien jumejn meta hekk mitlub. Reg.77 L.S.65.18
7. Permezz tal- vettura ta' l- ghamla Toyota Vitz bin- numru ta' registrazzjoni DBT637 ingumbrajt il- passagg liberu ghal traffiku iehor Reg 77 L.S.65.11
8. Waqt li kont qed issuq il-vettura ta' għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni DBT637 inqast li żżomm man-naħa tax-xellug tat-triq jew inqast li tagħmel sinjal meta kont sejjer tbiddel id-direzzjoni. Reg.75 L.S.65.11
9. Soqt il-vettura bil-mutur ta' għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni DBT637 mingħajr ma kont qed tagħmel użu miċ-ċinturin tas-sigurtà. Reg.3 L.S.65.12
10. Waqt li kont qed issuq jew kellek fil-kontroll tiegħek il-vettura ta' għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni DBT637 inqast li tobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal mogħti jew magħmul mill-Pulizija jew minn uffiċjal talkomunità biex jitmexxa t-traffiku jew għal kull raġuni oħra fit-twettiq ta' dmirijiethom. Reg.124(1) L.S.65.11
11. Hebbejt kontra persuna sabiex tinġurja, idejjaq jew tagħmel ħsara lil din il-persuna u cioe lil PC1221 Noel Mifsud Art 339(1)(d) Kap 9

Rat id-dokumenti

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fil-15 ta' Mejju, 2024.

L-abbli difiza tikkontendi li l-affidavits preżentati ma sarux skond id-dettami tal-Artikolu 7 tal- Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament.[1]

[1] Fol.43

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat is-segwenti fid-deċiżjoni tagħha fil-każ **Il-Pulizija vs Pauline Agius Cassar:**[2]

> Madankollu, din il-Qorti jidrilha illi ghandha tqajjem ex officio il-fatt illi l-affidavit ta' PC 2031 ghandu nuqqas li ma jistax ma jigix sollevat minn din il-Qorti. L-Artikolu 7 tal-Kap. 79 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:
>
> > *'Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:*
> >
> > *Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħudu li l-ġurament ġie meħud bil-mezzi elettroniċi'*
>
> Minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni tal-ligi jidher car li l-ligi tirrikjedi li jigi specifikat il-lok ta' fejn jkun inghata l-gurament. Infatti l-legislatur uza l-kliem 'ghandu jiddikjara' u jkkwalifika ukoll bil-kelma 'sewwa'. Il-legislatur ma wzax il-kelma 'tista' f'liema kaz, kien ikun biss fakoltativ li jigi indkat il-lok fejn inghata l-gurament. Ghalhekk anke kif imfisser fis-sentenza fl-**ismijiet il-Pulizija vs Jan Christoffer Oskarsson**,[3] il-Kummissjunarju tal-Pulizija b'setgha li jaghti gurament, huwa obbligat bil-ligi li jindika l-lok fejn huwa issominsitra l-gurament lix-xhud.
>
> Illi f'dan il-kaz jigi nnutat l-isem u l-kariga tal-ufficjal tal-pulizija, il-firma tieghu u d data u cioe' is-16 t' Ottubru, 2021. Madankollu, l-lok fejn ittiehed il-gurament ma giex specifikat. Għalkemm fl-istess affidavit hemm spazju fejn ghandu jitnizzel il-lok fejn ittiehed il-gurament, il-lok ghal xi raguni jew ohra baqa' ma giex indikat. Ghalkemm huwa possibbli li dan il-gurament gie amministrat fl-ghassa tal-Mosta, dak li hu possibbli ma jinghatax importanza quddiem din il-Qorti u dan stante li taht il-kappa tax-xemx, kollox hu possibli. La darba wiehed mill-elementi tassattivi li jrid ikun fih l 3Deciz mill-Qorti tal-Magistrat (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali nhar id-19 ta Lulju 2024 per Magistrat Dr Jean Paul Grech 13 affidavit huwa nieqes, din il-Qorti ma tistax tqis li l-affidavit ta' PC 2031 bhala prova ammissibbli u ghalhekk qeghda tordna l-isfilz tieghu

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fil-proċeduri **Il-Pulizija vs. Mario Hammett** ikkunsidrat:[4]

> Illi jkun opportun li ssir riferenza għal sentenza riċenti mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Mejju 2025 fl ismijiet **Il-Pulizja vs. David Daniel Mclean** (Numru 1443/2025) fejn ingħad hekk:
>
> > "Illi f'dan l-appell l-ewwel ilment li jrid jiġi indirizzat hux jekk l-affidavit rilaxxjat minn PC 281 Damian S Mckay inserit fl-atti a fol. 2 Dok. "A" hux wieħed rilaxxat skont il-liġi u ċioè skont l-Artikolu 7 tal-Kap. 79 tal Liġijiet ta' Malta stante li l-lok indikat fl-affidavit fejn allegatament ittieħed l-affidavit huwa imniżżel bħala 'Rapid Intervention Unit.
> >
> > L-ewwel Qorti skartat l-affidavit ta' dan ix-xhud u dan għaliex sotniet li meta – kummissarju responsabbi sabiex ta l-ġurament kiteb *"Rapid Intervention Unit" "fejn il kelma "lok" b'daqshekk*

---

[2] Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera. Appell Nru: 2803/2022 Seduta 21 ta' Novembru, 2024

[3] Deċiż mill-Qorti tal-Maġistrat (Malta) bħala Qorti ta Ġudikatura Kriminali nhar id-19 ta Lulju 2024 per Maġistrat Dr Jean Paul Grech

[4] Per Onor Imħallef Dr. Neville Camilleri; Seduta 29.05.2025; Appell Nru. 2170/2025/1

*il-Kummissarju tal-Ġustizzja li issoministra l-ġurament ma ġiex li indika sewwa l-lok fejn ingħata l-ġurament. Dan għax kif ġia sottolineat r-Rapid Intervention Unit hija sezzjoni fi ħdan il-korp tal-Pulizija u mhux lok per se."*

Din hi l-ewwel materja li jrid jiġi deċiż.

Tajjeb jingħad li l-Artikolu 360A tal-Kap. 9 jagħti l possibilita' lill-Prosekuzzjoni li hija tippreżenta affidavits ta' uffiċjali tal-Pulizija minflok ma' dawn joqogħdu jitilgħu jixhdu di persona waqt proċeduri sommarji quddiem din il-Qorti. Il-ġurament lill-uffiċjal tal-Pulizija normalment jingħata minn uffiċjal tal-Pulizija li jkun wkoll Kummissarju b'setgħa li jagħti ġuramenti nominat fit-termini tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ordinanza dwar il-Kummissjonarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament.

L-Artikolu 7 tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika li:

*"Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:..."* [emfażi tal Qorti]

Minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni tal-liġi jidher ċar li l-liġi tirrikjedi li jiġi speċifikat il-lok ta' fejn jkun ingħata l-ġurament. Infatti l-leġislatur uża l-kliem 'għandu jiddikjara' u jikkwalifika ukoll bil-kelma 'sewwa'. Il-leġislatur ma wzax il-kelma 'tista' f'liema każ, kien ikun biss fakoltativ li jiġi ndikat il-lok fejn ingħata l ġurament. Għalhekk anke kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet ċitata waqt dawn il-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Rachel Aquilina) vs. Jan Christoffer Oskarsson**[5] l Kummissjunarju tal-Pulizija b'setgħa li jagħti ġurament, huwa obbligat bil-liġi li jindika l-lok fejn huwa issominsitra l-ġurament lix-xhud.

Dik is-sentenza tipprovdi is-segwenti:-

*Minn qari ta' dan l-artikolu tal-liġi huwa ċar li l-liġi tassattivament tirrikjedi li jiġi speċifikat il-lok ta' fejn jkun ingħata l-ġurament. Infatti l-leġislatur juża l-kelma "għandu jiddikjara" u jikkwalifikaha wkoll bil-kelma "sewwa". Il-leġislatur ma jużax il kelma "jista'", f'liema każ kien ikun biss fakultattiv li jiġi ndikat il-lok fejn ingħata l-ġurament. Fil 1"Deċiża 19 Lulju 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali." 6 2170/2025/1 NC verżjoni Ingliża il-kliem li jintuża huwa: "shall state truly", li wkoll jindika obbligu tassattiv.* ***Dan ifisser li l-Kummissarju b'setgħa li jagħti ġuramenti huwa obbligat bil-liġi li jindika l lok fejn huwa issoministra l-ġurament lix xhud.***[6] *....*

*Fi proċeduri penali fejn huwa fundamentali li l proċedura tiġi segwita ad unguem biex ma jiġux preġudikati d-drittijiet tal-akkużat, ma jistax jkun li l-Qorti tagħlaq għajnejha għal tali nuqqas. .....*

*Fi proċeduri penali, il-Qorti ma tistax tassumi l affarijiet hi; l-affarijiet jridu joħorġu ċar mill-atti.*

Din il-Qorti tagħmel referenza ukoll għas-sentenza mogħtija minnha fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Pauline Agius Cassar**[7] fejn ġie enfasizzat il-ħtieġa mandatarja li tesiġi l liġi sabiex il-lok fejn jittieħed l-affidavit jiġi ndikat u dan sabiex tali affidavit ikun wieħed meħud skont il-liġi.

Illi f'dan il-każ jiġi nnutat l-isem u l-kariga tal-uffiċjal tal pulizija u l-firma tiegħu. Madankollu, l-lok fejn ittieħed il-ġurament ma ġiex speċifikat. Għaliex hemm indikat biss 'Rapid Intervention Unit'.

[5] "Deċiża 19 Lulju 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali."

[6] "Sottolinear ta' dik il-Qorti."

[7] "Deċiża minn din il-Qorti nhar 21 ta' Novembru, 2024."

Dan hu każ simili għal dak li ġie rilevat fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Toussaint Azzopardi** fejn f'dak il-każ il-Prosekuzzjoni kienet indikat fuq l affidavit li dak kien ittieħed fil-Environmental Protection Unit. F'dik is-sentenza l-Qorti kienet ikkonkludiet li: -

**M'hemmx dubbju li dak li ried il-leġislatur huwa li meta jittieħed ġurament fuq affidavit il-Qorti u l-partijiet għandhom jitpoġġew f'posizzjoni li jkunu jafu fejn u meta ittieħed il-ġurament, dettalji dawn li jkunu jafu awtomatikament meta xhud jixhed viva voce quddiem il-Qorti. F'dan il-każ jirriżulta li l ġurament fuq l-affidavit ittieħed ġewwa l Environmental Protection Unit, li bħala dipartiment tal-Pulizija ta' Malta, huwa uffiċju statali u pubbliku. Għalhekk fil fehma tal-Qorti l-indikazzjoni mogħtija hija suffiċjenti biex il-Qorti u l-partijiet jifhmu u ma jkollhomx dubbju raġonevoli dwar fejn ittieħed il-ġurament, bl-istess mod li kieku l ġurament ittieħed fil-binja tal-Qorti ma kienx ikun hemm bżonn li titniżżel isem it-triq u l lokalita' biex wieħed jifhem fejn ittieħed il ġurament. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l argument m'għandux mis-sewwa u qiegħed jiġu miċħuda**.[8]

F'dan il-każ simili għal każ appena iċċitat l-kummissarju indikat bħala lok "Rapid Intervention Unit" li ukoll li bħala dipartiment tal-Pulizija ta' Malta, huwa uffiċju statali u pubbliku.

Deċiżjoni oħra li komplit tixħet dawl fuq dak li r-rekwiżiti speċifikati bl-artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta jirrikjedu kienet dik fl-ismijiet:[9]

Illi huwa permess skond l-artikolu 360A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li l prosekuzzjoni tippreżenta ix-xhieda taghha meta si tratta ta' ufficcjali tal-pulizija permezz ta' affidavits minflok ma dawn joqghodu jitilghu jixhdu viva voce il-Qorti waqt proceduri sommarji l-Qorti. Huwa pero importanti li l-gurament li jinghata lill pulizija minn ufficcjal tal-pulizija li jkun ukoll kummissarju b'setgha li jaghti 7 gurament nominat fit-termini tal-Kap 79 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ordinanza dwar il Kumissarjonarji b'setgha li jaghtu gurament .

Illi l-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, daħal fis-seħħ bis-saħħa tal-Ordinanza VIII tal 1934 li kienet promulagata fis-6 ta' Frar 1934, u hija bbażata fuq l-Commissioners for Oaths Act 1889 ta'l-Ingilterra u Wales. Din il-legislazzjoni tipprovdi dwar il partikularitajiet li għandu jkun fih il-jurat jew l-attestat;-

*7.Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:*

*Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħudu li l-ġurament ġie meħud bil-mezzi elettroniċi*

Minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni tal-ligi jidher car u uniku li l-ligi tirrikjedi li jigi specifikat il-lok ta fejn jkun inghata l-gurament. Infatti l-legislatur uza l-kliem 'ghandu jiddikjara' u jkkwalifika ukoll bil-kelma 'sewwa'. Il-legislatur ma jzuaw il kelma ' jsita' f'liema kz kemn kun biss fakoltativ li jigi indkat il-lok fejn inghata l gurament. Harsa lejn il-versjoni Ingliza hemm il-kliem 'shall state truly' li huwa jindika obbligu tassattiv. Ghalhekk anke kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **il-pulizija**

[8] Deċiż fil-21 ta' Novembru, 2024 Appell Nru. 1513/2024."
[9] Qorti tal-Appell Kriminali. Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d. Appell Nru: 1513/2024 Illum, 21 ta' Novembru, 2024

> **vs Jan Christoffer Oskarsson**[10] il-Kummissarju tal-Pulizija b'setgha li jaghti gurament huw obbligat bil-ligi li jindika l-loik fejn huwa issominsitra l-gurament lix-xhud.
>
> Illi f'dan il-kaz pero kuntrarjament ghal dak li sehh fis-sentenza appena citata l-pulizija ma naqsux jindikaw l-lok fejn ittihed il-gurament u dan ghaliex hemm isem il-pulizija, in-numru tas-servizz tieghu, id-data tal-gurament u cioe l-14 ta' Marzu 2024 u bhala lok hemm indikat E.P.U registry u ghalhekk dan ifisser li l-gurament gie mehud fir registru tal-'Environmental Protection Unit'. Kif tajjeb inghad mill-ewwel qorti u dan ghlaeix din l-eccezzjoni giet ukoll sollevata quddiemha li dan hu ufficcju statali u pubbliku u ghalhekk l-indikazzjoni moghtija hija sufficjenti biex il-Qorti u l-partijiet jifhmu u ma jkollomx dubbju ragonevoli dwar fejn ittiehed il-gurament. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint fl-intier tieghu.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan it-tagħlim ġurispridenzjali l-Qorti ma tqisx li l-affidavits ta' PC1221 N. Mifsud u PS160 Wayne Borg jissodisfaw il-vot tal-Liġi.

Filwaqt li l-affidavits ta' PC1221 u PC1253 ma jagħtu ebda indikazzjoni tal-"lok", dak ta' PS160 jindika biss "San Ġiljan" u ma hemmx indikazzjoni jekk dan l-affidavit sarx l-Għassa, kif ferm probabbli hekk hu l-każ, jew f'xi post iehor f'San Ġiljan.

Tenut kont li l-liġi penali trid tingħata interpretazzjoni restrittiva, dawn l-affidavit qed jiġu skartati għajr għal dak ta' PS160 Borg li sarulu domandi in kontroeżami fejn anke ġie riferut għall-affidavit magħmul minnu fejn ikkonferma, issa bil-ġurament *"Hemm kollox miktub fl-affidavit."*[11]

**PS160 Wayne Borg** xehed li wara li lemaħ lill-imputat isuq mingħajr *seatbelt,* staqsieh għad-dettalji tiegħu u dan tah dettalji tal-karta tal-identità żbaljati. Għalhekk ġie deċiż li jitniżżel l-għassa. Borg jiddeskrivi dak li seħħ meta twaqqaf Hili:

> *"Dan bażikament kien wieqaf f'nofs ta' triq, jostakola t-triq. Kellu karozzi warajh. Għedtlu biex speċi jressaq mal-ġenb jew inkella jerġa' jdur għax kien qed jinserixxi xi bagalji jekk mhux sejjer żball. Fejn dan mill-ewwel ħadni b'mod aggressiv. Beda jgħajjat. Ħasibni kont qed ngħajjat miegħu. Fil-verita kull ma għedtlu jiena, ersaq fil-ġenb.... Dan imbagħad ipproċeda billi ir-reverse-ja. Fis-sekonda li kien se jirreverseja biex jidħol fil-parkeġġ qisu privat, ta' (...) Hotel, għax dan kollu li ġara quddiem l-(...) Hotel. Kien se jolqot il-vettura ta' warajh. Issa għamel dan kollu mingħajr ma għamel il-manuvra tal-indicator, mingħajr ma xegħel l-indicators. U allura, ovvjament mort, apparti minn hekk kien bla seat belt. U mort insaqsieh għad-dettalji (...)*

---

[10] 1Deciz mill-Qorti tal-Maġistrat (Malta) bħala Qorti ta Ġudikatura Kriminali nhar id-19 ta Lulju 2024 per Maġistrat Dr. Jean Paul Grech

[11] Fol.37

*Qorti: Qed tgħaġġel wisq. Erġa' bilmod.*

*Xhud: Waqqaftu biex intih ticket, jiena.*

*Qorti: Minħabba li bla seatbelt.*

*Xhud: Għalhekk staqsejtu. Bla seatbelt, bla indicator, waqaf fin-nofs. Ma kellhiex teskala l-affari.*

*Difiża:Le dik naqbel miegħek. Għedtilna wkoll fl-affidavit, li b'xi mod imbagħad, kellu jitniżżel mal-art.*

*Xhud: Sewwa.*

*Difiża:Biex intom tmexxu għall-arrest tiegħu.*

*Xhud: Hekk hu.*

*Difiża:Qabel tniżżel mal-art, ġie infurmat li se jkun arrestat?*

*Xhud: Le.*

*Difiża:Minħabba li kien hemm dik l-ordni li ma kienx qed jobdi.*

*Xhud: Ir-raġuni kienet a split of a second decision.*

*Difiża:Jiġifieri kienet split of a second decision li titfgħuh mal-art.*

*Xhud: Iva hekk hu. Dan ġie, darba darbtejn, instructed biex jitfi l-magna. Ma tfihiex. Mhux talli hekk li mar biex jagħfas il-gass. Is-sempliċi raġuni li ma mxietx il-karozza għax ma kinitx i-gear-jata. U seta' jweġġgħana. (...) iċ-ċavetta b'mod fiżiku. U kellu jinħareġ mill-karozza u mxejna għall-arrest.*

*Difiża:Naqblu mbagħad li nfurmajtuh li se jiġi arrestat minħabba li ma takhomx id-dettalji u ma obdhiex l-ordnijiet tiegħek, wara.*

*Xhud: Tajjeb."*[12]

Fl-affidavit minn tiegħu Borg semma kif l-imputat kien intlemaħ jieqaf f'nofs it-triq Santu Wistin, San Ġiljan u jżomm it-traffiku. Wissa lil Hili li ma kienx liebes *seatbelt* u dan ħareġ mill-vettura u beda jilmenta miegħu li kien għajjat miegħu. Ikompli li Hili *"mexa sa l-entratura ta' H hotel u ressaq biċċa ħadida talparkeġġ li kienet qed tostakola l-parkeġġ ta' quddiem H hotel. Imbghad kompla biex jirritorna lura lejn il-vettura u beda jirriversja, bla ma xgħal l-ebda indicator biex jidħol f'dan il-parkeġġ.....irnexxielu jipparkja eżatt fl-imsemmi parkeġġ u tefa l-magna." Kif raha kif saq hekk resaq lejh u talbu għall-liċenzja tas-sewqan iżda din ma kienitx fuqu*

[12] Fol.37-39

*u lanqas l-id card ma kellu. Kien ferm arroganti mas-Surgent u infurmah li xi membru ta' familtu kien spettur u "issa jirranġa hu".*

Ikkunsidrat,

Mill-provi riżultanti il-Qorti tqis li l-għemil tal-imputat jikkonfigura taħt l-ewwel imputazzjoni. L-imputazzjoni numru 4 ma tirriżultax kif lanqas jirriżultaw l-imputazzjonijiet numru 3, 5, 6 u 11.

**Piena**

Il-Qorti qieset in natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fatt li dan il-każ jirrisali għal 2023 u minn dak iż-żmien l-imputat qed jagħmel l-almu tiegħu biex iżomm fi triq it-tajba kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Bejn l-imputazzjonijiet numru 7 u 8 japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta' reati bil-piena tkun l-istess għaż-żewġ reati.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru 3, 4, 5, 6 u 11, wara li rat l-artikoli 17, 31, 338(dd)(ee) tal-Kodiċi tal-Pulizija, l-artikolu 55 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-regolamenti 75 u 77 Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, (L.S.65.11) u tar-regolament 3 tar-Regolamenti dwar it-Tilbis ta' Ċintorini tas-Sigurtà fil-Vetturi bil-Mutur, L.S.65.12, issibu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah għal multa ta' mija u għoxrin ewro (€120) jitħallsu fi żmien tlett xhur ratejalment.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D. Mag.Jur.(Int. Law)**
**Maġistrat**